

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2017 TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-ARMENJA

tal-20 ta' Novembru 2017

dwar il-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Armenja [2018/315]

IL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-ARMENJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 78 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 78 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 95(1) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jagħmlu hliithom biex l-oġettivi stabbiliti fil-Ftehim jintlaħqu.
- (4) Ir-rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ippropona fażi ġdida ta' involviment mas-sħab, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.
- (5) L-Unjoni u l-Armenja qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jaqblu fuq sett ta' priyoritajiet għall-perjodu 2017-2020 bl-għan li jappoġġjaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Armenja.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim għalhekk qablu fuq it-test tal-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Armenja, li ser jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim, filwaqt li jiffokaw fuq il-kooperazzjoni f'interessi kondiviżi identifikati b'mod komuni,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplementaw il-Prijoritajiet ta' Sħubija UE-Armenja, kif stipulat fl-Anness.

Artikolu 2

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2017.

Għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni

L-Unjoni Ewropea
F. MOGHERINI

Ir-Repubblika tal-Armenja
E. NALBANDIAN

⁽¹⁾ ĠUL 239, 9.9.1999, p. 3.

ANNEX

PRIJORITAJIET TAS-SĦUBIJA BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ARMENJA

I. KUNTEST

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda u l-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni"), ġie ffirmat fit-22 ta' April 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999. L-UE u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Armenja, min-naħa l-oħra, fis-27 ta' Frar 2017, temmew in-negozjati dwar **Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Mtejjeb** (CEPA), li t-test tiegħu qed jiġi ffinalizzat għall-iffirmar. Il-**Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Armenja** għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni bejn is-sħab, inkluż fil-kuntest tal-ftehim il-ġdid. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jfittxu li jsaħħu r-relazzjoni bejn l-UE u l-Armenja u jippromwovu l-valuri universali u l-istabbiltà, ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-prosperità mibnija fuq id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u t-tkabbir u l-ftuħ ekonomiku sostenibbli. Dawn huma allinjati mal-prijoritajiet stabbiliti mir-**Repubblika tal-Armenja** u l-UE, inklużi dawk stabbiliti fir-Rieżami tal-**Politika Ewropea tal-Viċinat** (PEV) ⁽¹⁾. Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jsegwu l-prinċipji ta' sjieda konġunta u divrenzjar u joħorġu minn erba' priyoritajiet ⁽²⁾ miftiehma b'mod konġunt fis-**Summit ta' Riga** tas-Sħubija tal-Lvant (Eastern Partnership, EaP) tal-2015, li kienu kkonfermati miż-żewġ naħat fil-Laqgħa tal-Ministri tal-Affarjiet Barranin għas-Sħubija tal-UE-Lvant f'Mejju 2016 bħala l-qafas ta' gwida għal ħidma futura. Fl-aħħar nett, il-Prijoritajiet tas-Sħubija huma wkoll skont l-**Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tal-2030** u l-**Ftehim ta' Pariġi tal-2015** dwar it-tibdil fil-klima u l-impenn tagħhom għal kwistjonijiet ta' sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali u t-tibdil fil-klima.

L-UE u l-Armenja jaqsmu **interessi** u **valuri** komuni, b'mod partikolari fid-dawl tal-impenn tal-Armenja friformi ekonomiċi u politiċi kif ukoll il-kooperazzjoni reġjonali, inkluż fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant. Il-**ftehim komprensiv il-ġdid ser iġedded u jifforma l-bażi ġuridika għar-relazzjonijiet bilaterali** u trid tinhatat l-okkażjoni biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja, anke billi jaqblu fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija. Dan il-qafas ġenerali ġdid u l-oqsma priyoritarji ta' kooperazzjoni ser jibnu fuq l-**interess reċiproku** fit-tisħiħ tal-involviment tagħna filwaqt li jitqiesu l-impenni internazzjonali l-oħra tal-UE u tal-Armenja.

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jibnu fuq il-kooperazzjoni produttiva tal-passat inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-**Pjan ta' Azzjoni tal-PEV**, li ser jissostitwuh. Dawn il-Prijoritajiet tas-Sħubija jenħtieġu li jifformaw l-aġenda għal laqgħat regolari ta' djalogu politiku u djalogi settorjali kif definit fil-Ftehim il-ġdid, li ser ikun ukoll il-qafas għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Prijoritajiet.

Il-kooperazzjoni u programmar futuri bejn l-UE u l-Armenja, b'mod partikolari l-Qafas ta' Appoġġ Uniku għall-Armenja għall-2020-2017, ser ikunu bbażati fuq dawn il-Prijoritajiet tas-Sħubija.

II. PRIJORITAJIET

Il-Prijoritajiet tas-Sħubija jirriflettu l-**interessi komuni** u jiffokaw fuq dawk l-oqsma fejn il-kooperazzjoni hija ta' benefiċċju reċiproku. L-Armenja u l-UE ser ikomplu jsegwu l-għanijiet ewlenin ta' appoġġ għall-istabbiltà reġjonali bbażata fuq **valuri komuni** u impenn qawwi għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Is-soċjetà ċivili hija attur importanti fil-kuntest tas-Sħubija tal-Lvant, u l-UE u l-Armenja ser ikomplu jiffaċilitaw iktar l-involviment tagħha fl-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet. Il-**kooperazzjoni ekonomika** lejn **tkabbir** sostenibbli huwa qasam fejn l-**interess reċiproku** huwa qawwi u fejn aħna ser nesploraw l-opportunitajiet kollha possibbli biex jitjeb l-ambjent tan-negozju. Tkabbir aktar mgħaġġel u iktar inklużiv ser jeħtieġ it-tisħiħ tal-ħiliet xierqa u tal-kapital uman tal-istituzzjonijiet pubbliċi, u governanza iktar mtejba u konnessjonijiet infrastrutturali aħjar. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet ser joħloq kundizzjonijiet favorevoli għal kooperazzjoni aktar b'saħħitha fis-setturi ewlenin u għal żieda fil-mobbiltà, għall-**benefiċċju taċ-ċittadini** kemm fl-UE kif ukoll fl-Armenja. Il-prijoritajiet huma interkonnessi u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Kull tema ta' prijorità tinkludi diversi elementi f'approċċ **multidixxiplinarju** u **trasversali** li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan. Dan jinkludi l-involviment attiv konġunt f'fora ta' kooperazzjoni multilaterali, inkluż fil-qafas ta' Sħubija tal-Lvant.

⁽¹⁾ JOIN(2015) 50 finali tat-18 ta' Novembru 2015

⁽²⁾ Ara l-erba' titli taħt il-Parti II. Prijoritajiet

1. It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba

L-UE u l-Armenja huma impenjati f'aktar kooperazzjoni bl-għan tal-promozzjoni tad-**drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt**, u **l-libertajiet fundamentali**. Huma ser jaħdmu flimkien lejn titjib kontinwu tal-amministrazzjoni pubblika Armena, il-governanza u l-ġudikatura tajba, iżidu l-għieda kontra l-korruzzjoni u jsaħħu s-soċjetà ċivili. **L-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kwistjonijiet ambjentali u soċjali** ser jiġu integrati fl-oqsma kollha.

L-enfasi ser tkun fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni rilevanti, inkluż **l-Kostituzzjoni l-ġdida**. Ir-**riforma elettorali**, li dwarha sar qbil f'Settembru 2016 fuq il-bażi ta', inter alia, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tagħha, tapplika mill-elezzjonijiet parlamentari tat-2 ta' April 2017. Il-partijiet ser jirsistu wkoll biex jiżviluppaw aktar **ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali**, u l-parteċipazzjoni tagħhom fit-teħid tad-deċizzjonijiet. Is-soċjetà ċivili ġiet ikkonsultata dwar it-twaqqif ta' dawn il-Prijoritajiet tas-Sħubija u ser ikollha wkoll rwol importanti billi tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Il-partijiet ser jintensifikaw l-isforzi tagħhom għar-**riforma tal-amministrazzjoni pubblika**, inkluż l-awtoritajiet lokali u l-**eżekuzzjoni tal-liġi**. ser tingħata importanza partikolari lill-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura, l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust. Din ir-riforma ser tibda b'qafas strateġiku għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-għan tal-kooperazzjoni tagħna huwa li nsaħħu r-responsabilità u l-effikaċja tal-gvern b'mezzi li jinkludu ġestjoni tar-riżorsi umani moderna u sensitiva għad-differenza bejn is-sessi u l-użu mifrux tal-**gvern elettroniku**, inkluż fis-settur tas-saħħa. L-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-politika ser ikunu bbażati fuq evidenza ċara pprovduta minn, fost affarijiet oħra, servizz ta' statistika ta' kwalità għolja.

Il-**għieda kontra l-korruzzjoni** ser tkun fil-qalba tar-riforma amministrattiva u l-isforzi tal-pajjiż biex isaħħaħ l-istat tad-dritt. Il-kooperazzjoni ser tiffoka kemm fuq it-tisħiħ tal-korpi ta' kontra l-korruzzjoni kif ukoll fuq ir-rieżami tal-leġislazzjoni, b'mod partikolari s-sistema tal-akkwist pubbliku, is-sistema ta' dikjarazzjoni tal-assi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tagħha, u l-ġestjoni ta' funzjonijiet pubbliċi fejn ir-riskji ekonomiċi u oħrajn huma l-oġġla (l-akkwist pubbliku, id-dwana, il-permessi) bl-għan li jiġu żgurati standards etiċi għoljin u jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. Il-partijiet għandhom jimplementaw l-għajnuna skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jikkooperaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Armenja skont d-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CEPA.

Il-**Kooperazzjoni fis-settur tas-sigurtà** ser tftitx biex isaħħaħ ir-responsabbiltà tal-operaturi tas-sigurtà u tindirizza tħassib komuni fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata, id-droga u t-terroriżmu, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, b'mezzi li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà stabbiliti fid-diversi ftehimiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja. Il-modernizzazzjoni ulterjuri tal-ġestjoni tal-fruntieri ser tikkontribwixxi kemm għas-sigurtà tal-pajjiż u r-reġjun kif ukoll għall-iżvilupp ekonomiku billi jiġu ffaċilitati l-iskambji leġittimi. Il-partijiet ser jikkooperaw ukoll fuq l-irkupru tal-assi kriminali permezz tat-titjib tal-qafas legali tal-Armenja u l-istabbiliment ta' uffiċċju sħiħ għall-irkupru tal-assi.

2. Żvilupp ekonomiku u opportunitajiet tas-suq

L-għan komuni tal-partijiet huwa żvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv tal-Armenja. It-**tkabbir sostenibbli** jeħtieġ politiki ekonomiċi sodi li jiżguraw l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja. Dawn jenħtieġ li jinkludu impenn kontinwu għal politiki baġitarji sostenibbli filwaqt li jżommu l-kapital u l-infiq soċjali u l-baġers tal-konsolidazzjoni kontra x-xokkijiet esterni. **Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi** (li huwa element importanti kemm għall-governanza u d-demokrazija kif ukoll għall-iżvilupp ekonomiku) ser taderixxi mal-prinċipji tal-aħjar Prattika internazzjonali. Is-supervjżjoni bankarja ser isaħħaħ aktar skont in-normi internazzjonali u l-aħjar Prattiki, biex tiżied ir-robustezza u r-reżiljenza tas-settur finanzjarju. Il-modernizzazzjoni u r-riformi fl-amministrazzjoni doganali u tat-taxxa, inklużi l-kooperazzjoni u t-tisħiħ internazzjonali tal-għieda kontra l-frodi, ser jixprunaw il-ġbir tad-dħul.

Titjib fl-ambjent tan-negozju huwa kundizzjoni fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku. Aktar proċeduri amministrattivi simplifikati u spejjeż amministrattivi mnaqqs, aċċess imtejjeb għall-finanzjament għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'suq finanzjarju b'saħħtu u diversifikat, u protezzjoni u nfurzar imsaħħa tad-drittijiet tal-proprjetà ser ikunu l-oqsma ta' prijorità f'dan ir-rigward. Organizzazzjonijiet ta' appoġġ kummerċjali u assoċjazzjonijiet ta' impriżi b'saħħithom jistgħu jgħinu lill-operaturi ekonomiċi biex jaħtfu opportunitajiet ġodda u jsaħħu l-vuċijiet tagħhom fit-fassil tal-politika ekonomika. L-UE u l-Armenja ser ifittxu li jsaħħu l-kapaċità tal-impriżi Armeni sabiex jipparteċipaw fi ktajjen ta' valur internazzjonali, li jinvolvu kemm l-UE kif ukoll l-operaturi ekonomiċi Armeni, li ser irawwmu t-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien. Ir-rwol tal-Organizzazzjonijiet ta' Appoġġ għan-Negozju (Business Support Organisations - BSO) f'dan is-sens huwa ta' importanza kruċjali u l-appoġġ tal-UE għal tqabbil bejn impriżi Armeni u dawk Ewropej jista' jsaħħaħ l-isforzi nazzjonali. Il-parteċipazzjoni Armena fi ktajjen ta' valur internazzjonali tista' tinkludi u tiġi msaħħa u mgħaġġla mill-investment Dirett Barrani, li jista' jikkontribwixxi biex jibni u jsaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi lokali; għal dan l-għan huwa essenzjali li jittejjeb il-qafas tal-investment billi jissaħħu t-trasparenza, il-kredibbiltà u l-effiċjenza tiegħu. Ambjent ta' investment li jaḡhti appoġġ lin-negozju jinkludi wkoll kompetizzjoni effikaċi fi swieq għal prodotti u servizzi, żgurati permezz ta' awtorità tal-kompetizzjoni indipendenti u b'saħħitha li topera skont l-oġġla standards etiċi, b'aċċess għal mekkaniżmu ta' infurzar effikaċi għal leġislazzjoni dwar l-antitrust u l-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, inkluż indikazzjonijiet ġeografiċi. L-integrazzjoni tal-iffaċilitar

li bih isir in-negozju fil-politiki kollha ser tkun strumentali biex jitrawwem it-tkabbir. Il-politiki moderni tal-impjeg u soċjali li ser ikunu meħtieġa biex jiżguraw li l-iżvilupp ekonomiku huwa inklużiv u jikkontribwixxu biex itejbu l-benesseri taċ-ċittadini Armeni kollha. Dan jinkludi istituzzjonijiet xierqa biex jiżguraw superviżjoni effikaċi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inklużi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Huwa importanti li tiġi implimentata l-Istrateġija ta' Żvilupp Armen ġenerali kif ukoll strateġiji speċifiċi għas-settur (Strateġija dwar l-SMEs u r-rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjoni SBA, Strateġija għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni, żvilupp rurali eċċ.) biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-programmi tal-UE għall-SMEs (COSME) u għar-riċerka u l-innovazzjoni (Orizzont 2020), kif ukoll biex jiġi aġġornat l-ambjent regolatorju u infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT), biex b'hekk isir użu sħiħ mill-appoġġ tal-UE f'dawn l-oqsma.

It-trawwim tal-**ekonomija diġitali**, inkluż permezz tal-approssimazzjoni tal-ambjent diġitali tal-Armenja mas-Suq Uniku Diġitali tal-UE, ser ikun importanti biex jimmodernizza l-ekonomija u s-soċjetà tal-Armenja.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji jenħtieġ li jinkludi djalogu pubbliku-privat u konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, inkluż mal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali.

L-ekonomija ekoloġika toffri triq ta' tkabbir importanti għall-iżvilupp sostenibbli. **Kwistjonijiet ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, ser jiġu integrati** fil-politiki rilevanti kollha.

L-UE u l-Armenja stabbilixxew kooperazzjoni effikaċi fl-**agrikoltura, l-iżvilupp reġjonali u rurali** biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' gruppi ta' bdiewa u katini ta' valur miżjud madwar l-Armenja. Filwaqt li l-agrikulturali u s-sussistenza minn fuq il-biedja jippreżentaw opportunitajiet għas-sigurtà tal-ikel u l-impjeg informali, huwa importanti li tiġu żviluppata aktar il-kompetittività tas-settur inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-aċċess għall-finanzjament. Filwaqt li jibnu fuq il-kisbiet tal-passat u b'koordinazzjoni mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha, il-partijiet ser ikomplu jsaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali **madwar ir-reġjuni**.

3. Il-konnettività, l-effiċjenza enerġetika, l-ambjent u l-azzjoni klimatika

Bħala pajjiż maqbud bejn haġna artijiet, l-Armenja trid tegħleb l-isfidi tal-konnettività tagħha. Anke ġewwa l-pajjiż stess, ċerti żoni jsofru minn iżolament u konnessjonijiet limitati lejn ċentri ta' attivitajiet ekonomika, politika u soċjali. Il-kooperazzjoni mal-UE u pajjiżi oħra tas-Sħubija tal-Lvant fl-oqsma msemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-Georgia, tista' tikkontribwixxi biex ittaffi l-konsegwenzi tas-sitwazzjoni ġeografika tal-pajjiż.

Il-potenzjal tat-tkabbir tal-Armenja jitjieb permezz ta' opportunitajiet aħjar ta' negozju, tat-trasport, tal-loġistika u r-rabtiet mal-katina tal-valur, imrawma permezz ta' konnettività interna u transfruntiera mtejba. Ir-rotot tat-toroq, tal-ferroviji u tal-ajru huma l-mezzi ewlenin tat-trasport fl-Armenja. Peress li s-sħab kummerċjali ewlenin tal-Armenja huma l-UE, ir-Russja u ċ-Ċina, il-merkanzija tkun normalment mġhoddija permezz ta' servizzi ferrovjarji mill-portijiet tal-Georgia. Il-partijiet ser jikkooperaw fl-iżvilupp ta' proċeduri ta' kklerjar mħaffa fil-fruntieri peress li huma essenzjali għal kull mezz ta' trasport sabiex jiġi evitat dewmien għali.

Il-partijiet ser jikkooperaw ukoll fil-qafas tan-**Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) ċentrali estiż**, imsejjes fuq prijoritizzazzjoni ċara, biex jitjieb l-aċċess għas-swieq internazzjonali tal-Armenja. ser tiġi promossa wkoll il-kooperazzjoni dwar is-sikurezza stradali, li tkopri kemm l-aspetti infrastrutturali kif ukoll dawk ta' politika. L-investiment fl-infrastruttura jenħtieġ li jkun favur l-ambjent u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Sabiex jiġu żgurati konnessjonijiet u żvilupp tas-suq effikaċi lil hinn mill-viċinat immedjat, huwa importanti li ssir riforma tal-avjazzjoni ċivili, li eventwalment twassal għall-konklużjoni ta' **ftehim dwar l-avjazzjoni** mal-UE.

Il-governanza ambjentali tajba (b'mod partikolari l-użu tal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni tal-Impatt Strateġiku, l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali) u **l-integrazzjoni tal-azzjoni ambjentali u klimatika fl-oqsma ta' politika rilevanti** ser joħlqu bażi soda għall-iżvilupp sostenibbli. Impenji fil-qasam tal-ambjent kif inklużi fil-Ftehim il-ġdid ser jiffurmaw il-baży għal riformi rilevanti. Żieda fl-**effiċjenza fl-enerġija** ser tiġġenera tfaddil rapidu, sinifikanti u sostnut, filwaqt li tavanza t-**transizzjoni** lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għat-tibdil fil-klima; fis-settur residenzjali, azzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu marbuta mal-ħidma tal-Patt tas-Sindki. Sakemm l-enerġija nukleari tintuża biex iżżomm livell adegwat ta'

provvista tal-enerġija fil-pajjiż, jenħtiegħ l-iżgurar ta' livelli għolja ta' sikurezza nukleari: L-istandards tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) u l-istandards u l-prattiki tal-UE, kif imsemmija fis-CEPA, għandhom iservu bħala bażi.

Provvisi ta' enerġija affidabbli u affordabbli huma kundizzjoni meħtieġa għall-funzjonament ta' soċjetà moderna u t-trażżin tal-impatt ambjentali u klimatiku tagħhom hija kundizzjoni għas-sostenibbiltà tagħha. Titjib fl-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi, inkluż fis-settur residenzjali, u l-użu iktar mifrux tal-enerġija rinnovabbli ser jikkontribwixxu għal dan l-għan permezz tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-għola livell fl-effiċjenza fl-enerġija, sorsi rinnovabbli tal-enerġija u s-suq tal-elettriku. Dawn l-għanijiet jistgħu jiġu segwiti wkoll permezz tal-akkwist pubbliku għal servizzi u infrastruttura.

Is-sigurtà tal-enerġija tista' wkoll tiġi msaħħa billi jitjiebu u jżiedu l-konnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Il-parteċi-pazzjoni attiva kontinwa tal-Armenja fil-kooperazzjoni multilaterali fis-Sħubija tal-Lvant ser tkun essenzjali biex jiġu identifikati proġetti ta' interess komuni li jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju mill-UE. It-titjib tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u t-trawwim ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet u prijoritizzazzjoni ċara ta' investimenti huma kruċjali biex jiġu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà fl-Armenja.

Fl-aħħar nett, l-għeluq u d-dekummissjonar sikur tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Medzamor (MNPP) u l-adozzjoni bikrija ta' pjan direzzjonali/pjan ta' azzjoni għal dan l-għan għandhom jibqgħu mira prinċipali, filwaqt li titqies il-ħtieġa għas-sostituzzjoni tiegħu b'kapaċità ġdida sabiex tiġi żgurata sigurtà tal-enerġija u l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli tal-Armenja.

4. Il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni

Il-partijiet ser jikkooperaw bl-għan li jiffaċilitaw il-mobbiltà taċ-ċittadini tagħhom, iwessgħu l-firxa ta' kuntatti bejn il-persuni permezz ta' azzjonijiet immirati inkluż għaż-żgħażaġh, l-istudenti, ir-riċerkaturi, l-artisti, l-operaturi kulturali u n-nies tan-negozju, filwaqt li jikkonfermaw mill-ġdid li l-mobbiltà msaħħa f'ambjent sigur u ġestit tajjeb għaċ-ċittadini tal-partijiet tibqa' objettiv ewlieni, u filwaqt li, fi żmien debitu, iqisu l-ftuħ ta' dialogu dwar il-viża mal-Armenja, dment li l-kondizzjonijiet għal mobbiltà sigura u ġestita tajjeb ikunu stabbiliti, inkluż l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u r-riammissjoni bejn il-partijiet. Huma ser jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-ftehim ta' riammissjoni, il-promozzjoni ta' politika dwar il-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll oqfsa legali u operazzjonali.

Il-ġestjoni tal-flussi migratorji ser tkun ibbażata fuq il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża / Ftehim ta' Riammissjoni. L-UE tirrikonoxxi r-rwol tal-Armenja li tilqa' fiha refuġjati mis-Sirja, u b'hekk tagħmilha eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'Reazzjoni għall-Kriżi Sirjana. ⁽¹⁾

Biex niffaċċjaw l-isfidi tas-suq globali neħtieġu pakkett sod ta' ħiliet fil-livelli kollha, kemm jekk ikunu f'intrapriżi kif ukoll fl-amministrazzjoni pubblika. **L-edukazzjoni bikrija tat-tfal, primarja, sekondarja u għolja, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali**, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u n-negozji kollha jeħtieġu li jiġu msaħħa sabiex jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom biex jiżviluppaw dawn il-ħiliet. Ser tingħata attenzjoni partikolari lir-riċerka u l-**innovazzjoni** b'segwitu għall-Assoċjazzjoni tal-Armenja mal-programm Orizzont 2020.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9615 tal-10 ta' Diċembru 2014 dwar l-istabbiliment tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, "il-Fond Madad"